**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 108/15 AL

**Ab**

***vs***

**Cb**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom fl-erba'u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija disa' u disghin (1999), liema zwieg jinsab registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv numru elf seba' mija erba' u tletin tas-sena 1999 (1734/1999) – certfikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument A;
2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu tlett (3) itfal, senjatament **J**li twieled fit-18 ta' Lulju tas-sena 2000, **M** li twieldet fil-21 ta' Frar tas-sena 2002, u **G** li twieled fit-28 ta' Jannar tas-sena 2003;

3. Illi l-kontendenti kienu infirdu formalment minn xulxin bis-sahha ta' kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn Nutar Ivan Barbara fit-12 ta' Jannar tas-sena 2010 – kopja hawn annessa bhala Dokument B;
4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti thallset somma bil-quddiem ghas-saldu ghall-htigijiet kollha taghha u ta' t-tlett itfal fuq imsemmija, u ghalhekk ma hemm ebda manteniment pendenti x'jigi imhallas;
5. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li l-kontendenti jirrikonciljaw;
6. Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 66B et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u titlob li jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti;
7. Illi ma huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejn il-kontendenti stante li l-kontendenti ilhom separati formalment minn ma xulxin sa mis-sena 2010;
8. Illi l-kontendenti t-tnejn jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati fl-artikolu 66N tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Illi l-esponenti tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha li huwa 'BRIFFA';

Talbet a tenur tad-dispozizzjonijet tal-Artikolu 66B et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, prevja s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(i) Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;
(ii) Tiddikjara u tordna li l-esponenti ser tirriverti ghal kunjom xbubitha, li huwa 'BRIFFA';

u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha opportun timponi;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Joseph Mizzi u l-PL Jeremy Buttigieg, li permezz taghha eccepew :

Illi l-kuraturi qeghdin jaghmlu tentattiv sabiex jikkuntattjaw lill-intimat, pero' sallum ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti tal-kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt jirrizervaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2015;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Briffa" u l-Qorti qeghda tilqa` din it-talba;

Rat illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Jannar 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' manteniment ;

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tilqa` t-talbiet tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Briffa", tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur